MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2010

Talba Numru. 1131/2010

**Go plc**

**vs**

**Claude John Mattocks (145980M) f'ismu proprju u ghan-nom u in raprezentanza tas-socjeta' Home Vision Entertainment Limited C 35865**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-9 ta Frar 2010, fejn is-socjeta' attrici talbet li l-konvenut jigi ikkundannat jhallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' mitejn, wiehed u hamsin euro u disgha u sittin centezmu (€251.69) in konessjoni mas-servizz telefoniku skond document markat "DOK A" u ippresentat flimkien mal-Avviz, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mill-4 ta' Settembru 2008 u cioe mid-data tal-ahhar pagament.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi, u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.
Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.
Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' mitejn, wiehed u hamsin euro u disgha u sittin centezmu (€251.69), bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

Avukat Katja Psaila Savona
Gudikatur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------